# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin (67) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Ottubru, 2010, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Tender tal-Knis tat-Toroq**

3. Is-SE ikkonferma li kiteb e-mail lill-avukata tad-Dipartiment Dr. Vella rigward l-offerta li kellha d-dokument '*non-collusive tender document*' mhux iffirmat sabiex jintalab parir professjonali rigward l-aċċettazzjoni ta' dan id-dokument bħala wieħed validu. Is-Sindku kif wkoll Dr. Vella tkellmu mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Wara li s-Sindku ppreżenta kopja tad-dokument, il-Dipartiment tal-Kuntratti verbalment ikkonferma lis-Sindku li dan in-nuqqas jiskwalifika din l-offerta awtomatikament u b'hekk din l-offerta ma tistax tiġi kkunsidrat fl-għażla waqt l-aġġudikazzjoni tat-tender.

4. Abbażi ta' dan, il-Kunsilliera qablu unanimament li tingħażel it-tieni l-irħas offerta, dik provduta minn Innovative Projects Ltd. Dan is-servizz ser jingħata minn impjegati ta' din l-kumpanija permezz ta' magna li tiknes u tnaddaf it-toroq b'vakum. Il-Kunsilliera kellhom l-opportunita jaraw dimostrazzjoni ta' din il-magna taħdem illum filgħodu. Il-Kunsilliera unanimament qablu li fl-ittra ta' aċċettazzjoni l-Kunsill irid jiċċara li l-kuntratt ser jingħata bi *probation period* ta' sitt xhur mit-8 ta' Novembru 2010 kif ukoll, l-kuntrattur jrid jiġbor annimali mejta bħall-ġrieden u qtates fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jiġu rrapportati. Jekk il-kuntrattur ma jaqbilx ma dan il-Kunsill jerġa' joħroġ sejħa għall-offerti.

**Punti mil-Minuti**

5. Il-Kunsilliera ddiskutew fejn ser jeħlu l-*stands* tat-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu li jmorru flimkien nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru f'nofsinhar biex jimmarkaw il-postijiet ta' fejn ser jitwaħħlu.

6. Is-SE ikkonferma li bagħat l-ittra lid-Dipartiment ta' l-Anzjani sabiex iċ-Ċentru ta' l-Anzjani ta' Hal Safi jgħaddi kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċċju tagħhom fis-sala tal-Kunsill sabiex din tkun tista' tintuża waqt emerġenza.

7. Is-Sindku rrimarka li matul il-ġimgħa l-oħra, sar l-użu tal-Librerija minn għalliem ta' l-iskola mingħajr il-preżenza ta' librara għaliex il-ħaddiema tal-Kunsill kienu indisposti. Is-Sindku rrimarka illi wara li l-għalliem lesta mill-użu tal-Librerija, ħalla l-bieb ta' barra miftuħ. Dan ingħalaq mill-Kap tal-Iskola meta ġiet biex issakkar l-iskola wara diversi siegħat. Il-Kunsilliera qablu li meta l-ħaddiema tal-Kunsill jkunu indisposti, l-Kunsill għandu javża lill-iskola u l-Librerija ma tinfetaħx. Dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija, dawn ġew miftehma mal-Kap ta' L-iskola.

8. Dwar il-passaġġ miftuħ fi Triq Ħajt Ruman, is-Sindku ppropona li jkellem persuna mir-roads sabiex jgħati lill-Kunsill parir ta' kif niskulaw l-ilma minn naħa ta' fuq ta' dan il-passaġġ. Il-Kunsill ser jikteb ittra lil MEPA dwar din il-problema sabiex l-Kunsill jingħata permess jibni ħajt li jagħlaq il-ftuħ ġo l-għalqa. B'hekk l-ilma jiskula ġo triq mingħajr ma joħroġ it-terrapien u ħamrija mill-passaġġ.

9. Is-Sindku ikkonferma li saret il-laqgħa mas-Segretarju tal-Hon Dr. Chris Said, s-Sur Mark Mizzi, nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru, 2010 fil-11 ta' filgħodu li għaliha attendew Jimmy Busuttil u Dorianne Zammit. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss Triq il-Kuċċard, Kunsill One Stop Shop, ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, ftuħ ta' Xelters f'Ħal Safi kif wkoll fondi speċjali Ewropej sabiex isiru t-toroq fiż-żoni Rurali.

10. Is-Sindku ikkonferma li attenda il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn ġie deċiż li jinħatar is-Sur David Soler bħala Authorised Officer fl-assenza ta l-Authorised Officer preċedenti. Waħda mill-ewwel affarijiet li ser jieħu ħsieb jagħmel hi li jinġabru l-flus pendenti mill-Kunsilli u jitħallsu l-bilanċi pendenti mas-suplixxituri pro rata skond kemm jinġabru flus.

11. Publius Abdilla ikkonferma li l-MEPA waslu biex ilestu l-Mappa li ser titwaħħal fin-*notice board*. Il-Kunsill għadda kopja tar-ritratti kif wkoll il-legend. Il-MEPA ser tgħaddi kopja lil Kunsill meta din titlesta għal approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma tiġi stampata.

**Korrispondenza**

12. Il-Kunsill irċieva kont ta' €500 għall-użu tal-faċilitajiet tal-Kullegg San Benedittu, Skola Primarja Safi waqt skola sajf. Peress li l-Kunsill kien diġa ta' lil-Kap ta' l-Iskola €100 sabiex jitranġaw il-bankijiet fil-ġnien ta' l-iskola bl-iskop li jagħmel tajjeb għal ispejjeż li tagħmel l-iskola waqt Skola Sajf, il-Kunsilliera

qablu unanimament li l-Kunsill jħallas il-kumplament tal-bilanċ li jammonta għal €400.

**Tender Bulky Refuse**

13. Is-SE ikkonferma li d-dokument tat-Tender għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff lest u l-avviż fil-gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetta Independent ser joħorġu l-ġimgħa li ġejja.

**Ħwejjeġ oħra**

14. Is-Sindku talab li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss il-ħatra tal-Perit Anthony Bezzina sabiex jinħatar bħala konsulent tal-Kunsill inkarigat li japplika għal fondi Ewropej, hekk kif inħatar f'diversi Kunsilli oħra.

15. Fuq talba ta' Jerome Busuttil, il-Kunsilliera qablu li issir laqgħa mal-Perit David Xuereb sabiex jiġi diskuss it-triq tal-Karwijja sabiex jinformana dwar il-progress ta' din it-triq. Is-SE intalab jibgħat ittra lil Perit Xuereb u lill-Malta Enterprise sabiex issir din il-laqgħa mill-aktar fis.

16. Eddie Bonello rrimarka li hemm bżonn ta' bozza f'Triq ta-Rqajja kif tispiċċa t-triq mal-arblu.

17. Jerome Busuttil rimarka li f'Triq il-Kuċċard qed tinġabar għadira. Jerome Busuttil isuġġerixxa li jsir kanal irqiq sabiex l-ilma jiskula fl-għelieqi. Is-Sindku ser jmur fuq il-post jara din l-problema sabiex l-Kunsill jiddeċiedi hekk jsirx dan il-kanal jew wiċċ ġdid.

18. Jerome Busuttil rimarka li resident f'Triq San Guzepp talab li titwaħħal bozza f'parti minn din it-triq li hija mudlama. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni f'dan ir-rigward.

**Mozzjoni Triq San Pawl**

19. Francis Callus qara l-mozzjoni tiegħu issekondata minn Eddie Bonello rigward Triq San Pawl (annessa) sabiex din it-Triq titneħħa minn one-way u terġa tiġi għall-pożizzjoni li kienet. Is-Sindku ppropona li din il-proposta hija waħda prematura u għanda tiġi diskussa wara li tinfetaħ Triq il-Karwjja u Triq il-Kuċċard. Francis Callus qal li din it-triq ingħalqet mill-ADT temporanjament sakemm Valletta Road titlesta u b'hekk issa li din it-triq tlestiet ma jħossx li għanda tibqa one-way. Huwa fakkar wkoll li dejjem astjena li din il-one way issir waħda permanenti minn waħda temproarja.

20. Eddie Bonello rrimarka li għalkemm huwa kien favur li Triq tkun one-way, fuq talba ta' diversi residenti kif wkoll għaliex huwa stess qed jinnota kemm ir-raħal ġie vojt u kemm il-ħwienet intlaqtu kummerċjalment ħażin minn din il-one way huwa jħoss li wasal iż-żmien li l-Kunsill għandu jaqbel li jerġa jiftaħ l-aċċess tar-Raħal minn Triq San Pawl.

21. Jerome Busuttil rrimarka li wara xahrejn, l-GRTU għada ma għamlitx appuntament mal-Kunsill. Huwa fakkar wkoll li t-traffiku fil-qalba tar-Raħal ma kienx f'livell aċċettabbli. B'hekk huwa jemmen li hekk din tinfetaħ jerġa' jkun hemm ħafna traffiku għad-detriment tar-raħal.

22. Publius Abdilla qal li preżentiment, huwa ma jħossx li l-one-way għandha titneħħa. Huwa qal wkoll li ma qabilx mal-Kumment fil-mozzjoni fejn intqal li Misraħ San Ġużepp mhux jitgawda mill-Ħal Safin kif ukoll minn dawk li jżuru Ħal Safi għaliex rrimarka li minn dan il-post għadhom jgħaddu diversi nies kemm bil-karozza kif wkoll bil-mixi kif wkoll jitgawda minn diversi residenti inkluż anzjani li jisgħu jgawdu minn dan il-misraħ bil-qiegħda f'ambjent kwiet.

23. Is-Sindku rrimarka li hija *policy* tal-MEPA li kemm jista' jkun il-Kunsilli għandhom ineħħu t-traffiku mill-*village core*. Is-Sindku irrimarka wkoll li l-maġġoranza tan-nies qablu li din it-triq issir one-way. Is-Sindku u Publius Abdilla rrimarkaw li jħossu li għadu kmieni wisq biex tiġi diskussa din il-proposta u l-Kunsill għandu l-ewwel jistenna li tinfetaħ Triq il-Kuċċard u Triq il-Karwijja qabel ma issir l-kunsiderazzjoni li titneħħa l-one-way minn Triq San Pawl.

24. Francis Callus u Eddie Bonello talbu li l-mozzjoni tgħaddi għal vot. Din ġiet issekondata mis-Sindku u l-vot kien hekk: Is-Sindku, Publius Abdilla u Jerome Busuttil, kontra; Eddie Bonello u Francis Callus, favur. B'hekk il-mozzjoni sabiex titneħħa l-one-way minn Triq San Pawl ma għaddietx. L-ismijiet tniżżlu peress li kien hemm talba li jsir dan mill-Kunsilliera b'mod unanimu.

25. **Il-Payment Approval** Sheet No. 60 ġiet approvata.

26. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru, 2010.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

Approvati llum 28/10/2010

Sindku — Segretarju Eżekuttiv